**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 27/2016JB

Numru: 8

**Andrei Pace**

***vs***

**Victor Xerri**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-3 ta' Gunju 2016 fejn l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, mitejn u tlettax-il euro (€1,213) rapprezentanti drittijiet professjonali u spejjez inkorsi mill-Attur ghal appell li sar kontra permess mahrug lil terzi mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Dan l-appell sar f'isem il-Konvenut fuq insistenza tal-Attur. Talab ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali (a fol 16), u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Lulju 2016 (a fol 19);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikat bl-atti (a fol 2ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar it-8 ta' Lulju 2016 ipprezenta risposta (a fol 24) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi l-Konvenut mghandu jaghti xejn minn dak mitlub;
3. Illi l-Konvenut mghandu l-ebda obbligu vis-à-vis l-Attur;
4. Illi l-Konvenut dejjem agixxa fil-mansjoni tad-drittijiet tieghu;
5. Illi minghajr pregudizzju, l-ammonti mitluba huma esagerati u frawdolenti;
6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju 2016 (a fol 27) fejn il-Gudikatur sedenti, Dr Kevin Mompalao astjena milli jisma' l-kawza;
Ra li l-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 (a fol 28);

Ra d-digriet tat-28 ta' Ottubru 2016 (a fol 57) fejn prevja riassenjazzjoni inghataw provvedimenti ghall-ahjar tmexxija tal-kawza;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda spejjez li l-Attur jghid li ghamel in konnessjoni ma' appell quddiem il-foro kompetenti kontra permess ta' zvilupp mahrug lil terzi mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Dan l-appell sar f'isem il-Konvenut fuq insistenza tal-Attur, billi l-Konvenut kien *registered objector* ghall-ghanijiet tal-applikazzjoni li tat lok ghall-permess tal-izvilupp u kwindi seta' jappella kontra l-ghoti tal-permess u l-Attur (li fil-mori akkwista proprjeta minghand l-istess Konvenut) ma kienx. Ghalhekk, saru komunikazzjonijiet bejn l-Attur u l-konsulenti professjonali tieghu u l-Konvenut sabiex isir appell f'isem il-Konvenut. Dan accetta li jippresta ismu ghall-fini ta' appell basta ma jidholx fi spejjez. (*Vide* xhieda ta' Paul Dimech a fol 59). Gara izda li fil-mori tal-appell, il-Konvenut ircieva xi millantazzjonijiet minghand il-persuna li kienet ottjeniet il-permess u ghalhekk tramite l-Avukat Mompalao, kiteb lill-Attur u talbu jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi danni li jistghu jirrizultaw minhabba l-proceduri imnedija f'isem il-Konvenut. L-Attur jghid "*ovvjament jiena m'accettajtx*" (*Vide* xhieda tal-Attur a fol 51). Sussegwentement, il-Konvenut ta struzzjonijiet lill-avukat li kien qed jiehu hsieb imexxi l-proceduri f'isem l-istess Konvenut sabiex icedi l-atti. L-Attur spicca hallas l-ispejjez tal-konsulenti li kien qabbad u issa qed jitlob risarciment minghand il-Konvenut.

Ikkunsidra;

Illi minn ezami tal-process, jidher li l-argoment tal-Attur hu li l-Attur kien "delegat" mill-Konvenut sabiex imexxi bl-appell f'ismu. Fil-mori tal-kawza jintuza t-terminu "*prestanome.*" Issa l-ligi taghna jidher li ma tridx li fejn imiss ma' proceduri legali wiehed jinqeda bl-emissarji. Ghalhekk, per ezempju, fil-waqt li l-Kodici Civili (Kap. 16) jaghti s-setgha li wiehed iqabbad mandatarju sabiex jaghmel (tista' tghid) kwalsiasi att civili li jigi miftiehem, fl-Art. 1866 hemm espressament projbit li l-mandatarju joqgħod f'kawża, "*bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili…*" Bl-istess mod, Regola 6 tat-Tieni Kapitlu tat-Tieni Parti tal-Kodici tal-Etika viggenti ghall-Professjoni Legali, tipprovdi illi "*where instructions are received not from a client but from a third party (not being a member of the legal profession) purporting to represent that client, an advocate should seek direct confirmation from the client as soon as possible. In case of doubt, the advocate must meet with the client or take the necessary steps to confirm the instructions as soon as possible.*" Huwa principju assodat li l-atti huma tal-persuna li f'isimha jsiru. Fuq kollox, fir-rit ordinarju u senjatament bl-Art. 906 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura

Civili (Kap. 12), "*kull waħda mill-partijiet tista', b'nota ffirmata minnha jew mill-avukat tagħha, f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza definitiva, tirrinunzja għall-atti illi hija tkun ippreżentat*."
Issa t-Tribunal fela' bir-reqqa l-atti u kkontempla dwar din il-kwistjoni. Fil-fehma tat-Tribunal, il-ligi ma tridx li wiehed jinqeda b'isem haddiehor sabiex imexxi bi proceduri u certament li l-Konvenut kellu kull jedd li jwaqqaf il-proceduri. Il-fatt li hu rcieva millantazzjonijiet minghand terzi u li l-persuna li kien qed jinqeda b'ismu ma riedx jidhol ghall-garanziji f'kaz ta' rivalsa, ikompli jsahhah il-pozizzjoni tal-Konvenut li jerga' lura mill-vicenda li dahal fiha. Fuq kollox irrizulta car li l-Konvenut ma kienx dispost li jaghmel tajjeb ghal spejjez. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li l-ewwel erba' eccezzjonijiet huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi prevja li jilqa' l-ewwel erba' eccezzjonijiet tal-Konvenut, jichad it-talba attrici. Spejjez a karigu tal-Attur.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Diane Farrugia
*Deputat Reġistratur*